**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 38/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison)**

**Vs**

**CLAIRE SIVE CLAIRE LYNTHIA CASSAR**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Claire sive Claire Lynthia Cassar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta'Novembru, 1997, u fl-ahhar granet qabel din id-data :

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), meta ma kienetx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' din l-Ordinanza, u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienetx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) tal-Ligijiet ta'Malta, liema droga nstabet f-cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha;
2. Saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta'Dicembru, 1996.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-13 ta'Frar, 2001, li biha sabet lill-Claire sive Claire Lynthia Cassar hatja ta' dawn l-akkuzi dedotti kontriha w ikkundannatha ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' tmintax (18) il-xahar kif ukoll ghall-Multa ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600), u ordnatilha li thallas l-ispejjes tad-Dok MM ammontanti ghall-Lm61.25c.

Rat ir-rikors t'appell ta'Claire sive Claire Lynthia Cassar datat 21 ta'Frar, 2001, li bih talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn hi

nstabet hatja tat-tieni akkuza, filwaqt li tvarjaha fil-parti fejn instabet hatja ta'pussess ta'droga eroina f'cirkostanzi li juru li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha billi, minflok, ssibha hatja ta'pussess semplici ta' din id-droga, cioe' minghajr dawn ic-cirkostanzi specjali li jindikaw li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha.

Rat l-aggravju ta' l-appellanti.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament l-aggravju ta' l-appellanti, u huwa l-uniku wiehed li ghandha, huwa li hi kellha tinstab hatja biss ta'pussess semplici tad-droga eroina, cioe' li dak il-pussess ma kienx akkompanjat b'xi cirkostanzi li juru li dik id-droga ma kienetx ghall-uzu eskluzziv taghha.

Din, ghalhekk, hija kwistjoni purament ta' apprezzament ta' provi.

Kif dejjem gie ritenut, il-funzjoni ta' din il-Qorti hi li tara li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb, maghmul skond il-ligi, u li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjonijiet li tkun hadet. Din il-Qorti ma tasalx sabiex tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li taghmel hi ghal dak li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx jirrizultalha b'mod manifest li l-ewwel Qorti tkun ghamlet apprezzament tal-provi hazin jew interpretat b'mod skorrett xi punt ta' ligi, b'mod li allura ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li tkun hadet. Hu biss f'dawn il-kazijiet rari jew eccezzjonali li din il-Qorti tvarja dak li tkun iddecidiet l-ewwel Qorti. Sabiex taqdi din il-funzjoni, u ghal dan l-iskop biss, hu ovvju li anke din il-Qorti tghamel l-apprezzament taghha tal-provi.

Fil-kaz prezenti, l-ewwel Qorti semmiet dettaljatament fis-sentenza taghha dawk ic-cirkostanzi kollha li fil-fehma taghha kumulativament wassluha sabiex tkun moralment konvinta li t-tmin (8) qratas bid-droga eroina misjuba fil-pussess ta' l-appellanti, u li hi stess ammettiet li kienu taghha, ma kienux biss ghall-uzu esklussiv taghha, izda kienet ukoll taqsamhom ma' l-gharus taghha.

Ma hemm ebda dubju li dan l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb u li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellanti. Din il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti w ma tista' issib xejn x'ticcensura f'dak li qalghet fis-sentenza appellata. Ghalhekk dan l-uniku aggravju ta' l-appellanti huwa respint.

Dwar it-talba ta'l-appellanti ghat-tnaqqis fil-piena, anke hawnhekk ma hemm ebda raguni valida legalment ghaliex din it-talba ghandha tigi milqugha. L-

appellanti hija recidiva w ghandha passat kriminali ta'reati konnessi ma' abbuz ta'droga.

Ghall-motivi premessi, il-Qorti qed tichad l-appell ta' Claire sive Claire Lynthia Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur